**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 8 t'Ottubru 2018**

**Talba Nru: 325/18 CZ**

**GO plc (C 22334)**

**vs.**

**Lazoumi Ahmed**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fl-24 ta' Lulju 2018 fejn talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' elf u tmienja w sebghin Euro u sittax-il centezmu (€1,078.16) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40618518.

Illi interpellat sabiex jghaddi ghall-hlas, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk in konnessjoni mal-ittra ufficcjali bir-referenza 1938/17, u bl-imghaxijiet legali sa mill-4 t'Awwissu 2017, data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficcjali.

Ra li l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta u lanqas deher quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2018.

Ikkunsidra l-fatt illi l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u tmienja w sebghin Euro u sittax-il centezmu (€1,078.16) bl-imghaxijiet legali kif mitluba sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet, ikunu a karigu tal-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur